**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Lulju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Marius k/a Mario Muscat, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 665858M;**

**Adrian Muscat, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 129983M;**

**Alan Muscat, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 345586M;**

**George Muscat, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 664156M;**

**Matthew Muscat, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 371191M;**
**u**

**Anthony Agius, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 790959M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 467/2016*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Marius k/a Mario Muscat, Adrian Muscat, Alan Muscat, George Muscat, Matthew Muscat u Anthony Agius u ċioè talli:

> Fit-28 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) fl-Armier limiti Mellieħa, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew jqiegħedu il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw offiża gravi fuq il-persuna ta' Joseph Manuel Galea detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 31182(M), skont kif iċċertifikat t-Tabib Rebecca Galea MD (Numru tar-Reġ. 3482), mill-Isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Talli Marius k/a Mario Muscat, Adrian Muscat, Alan Muscat, George Muscat, Matthew Muscat u Anthony Agius waħedhom, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament għamlu ħsara ta' mhux aktar minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), fuq mowbajl tal-għamla *Iphone 6* għad-detriment ta' Joseph Manuel Galea detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 31182(M), ai termini tal-Artiklu 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Talli lil Anthony Agius waħdu talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Joseph Manuel Galea detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 31182(M), biża' li se tintuża vjolenza kontrih, ai termini tal-Artikolu 251B(1) Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Lil Adrian Muscat u lil Alan Muscat waħedhom talli saru reċidivi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), nhar it-30 ta' Ġunju, 2015 u l-21 ta' Frar, 2012 rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai terminu ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli **532A, 532B** tal-Kodiċi Kriminali **Kapitlu 9** tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li mill-provi prodotti ma jirrizultax li Marius k/a Mario Muscat kien involut b'xi mod fil-kaz in dezamina;

Semghet l-istess prosekuzzjoni tiddikjara li ma ghandhiex prova dwar iz-zmien meta l-multa imposta fil-konfront ta' Adrian Muscat giet mhallsa u ghalhekk meta, ai fini ta' recidiva tal-istess imputat, il-piena fuqu imposta giet skontata;

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputati George Muscat, Matthew Muscat u Anthony Agius filwaqt li Alan Muscat u Adrian Muscat ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom ghajr ghall-addebitu tar-recidiva;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, l-ammissjoni taghhom li ma jistax jinghad kienet wahda bikrija, tal-fedina penali taghhom u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tal-fatt li l-parte civile kien iddikjara li ma kienx fadallu interess fil-proceduri odjerni wara li kien intlahaq ftehim u sar rizarciment.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tillibera lil Marius k/a Mario Muscat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, wara li fil-konfront ta' Adrian Muscat, Alan Muscat, George Muscat, Matthew Muscat rat l-artikoli 17, 31, 214, 216 u 325(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront ta' Anthony Agius rat l-artikolu 251B(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-

imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu bejniethom l-ammont ta' €450.89 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

Notifika: Registratur tal-Qorti